

Brussell, 17 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0256(COD)

15480/18
ADD 1 REV 1

CODEC 2314
SOC 783
EMPL 588

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li fuq diversi punti l-koleġislaturi ddeċidew jiddevjaw mill-Approċċ Komuni tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012, mingħajr ma pprovdew ġustifikazzjoni xierqa.

It-tħassir tal-klawżola ta' estinzjoni/rieżami mhuwiex konformi mal-Approċċ Komuni. Madankollu, in-nuqqas tal-klawżola ta' estinzjoni fir-Regolamenti ta' Twaqqif mhu se jaffettwa bl-ebda mod id-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar id-devjazzjoni mill-Approċċ Komuni fir-rigward tal-proċess għat-twettiq ta' evalwazzjoni ġenerali tal-Aġenzija u tirreferi għall-ħtieġa tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-Membri tal-Parlament u tal-Bord ta' Tmexxija, waqt l-evalwazzjoni tal-ħidma tal-aġenziji. Il-Kummissjoni tfakkar li tali evalwazzjonijiet iridu jitwettqu b'indipendenza sħiħa. Fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni se tapplika l-prattiki normali tagħha għall-attivitajiet ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-impatt tad-devjazzjonijiet mill-Approċċ Komuni dwar il-funzjonament tal-aġenziji tripartitiċi fil-mument opportun. Dawn m'għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal aġenziji oħra.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-funzjoni ta' Viċi Direttur fir-Regolament li Waqqaf il-Eurofound. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li, minħabba d-daqs ta' din l-Aġenzija, din id-dispożizzjoni hija sproporzjonata.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza wkoll li issa hija r-responsabbiltà tad-Direttur Eżekuttiv li jiddeċiedi dwar l-istrutturi interni ta' kull Aġenzija u tas-CEDEFOP biex jiddefinixxu l-arranġamenti meħtieġa għad-delega ta' deputati biex jiżguraw il-kontinwità tas-servizz.

Dikjarazzjoni tal-Italja
dwar il-proposti għar-reviżjonijiet tat-tliet regolamenti ta' twaqqif tal-aġenziji
deċentralizzati: Eurofound, Cedefop u EU-OSHA

L-Italja kienet fost id-delegazzjonijiet l-aktar attivi matul in-negozjati fil-Kunsill dwar it-tliet fajls u kkontribwiet għall-kisba tal-Approċċ Ġenerali f'Diċembru 2016.

L-Italja kkontribwiet b'mod pożittiv ukoll matul it-trilogi, billi wriet flessibbiltà lejn it-talbiet tal-Parlament Ewropew, waqt li żammet mal-ispirtu tal-Approċċ Ġenerali fil-Kunsill.

Filwaqt li kkunsidrajna l-Approċċ Komuni tal-2012 u n-natura tripartitika tat-tliet aġenziji, ippruvajna nżommuhom kemm jista' jkun possibbli omoġenji, f'termini ta' governanza u regoli.

Il-ħatra ta' Viċi Direttur mid-Direttur Eżekuttiv għall-Eurofound u s-Cedefop - l-ewwel wieħed fuq bażi obligatorja, it-tieni wieħed fuq bażi volontarja - mhix konsistenti mar-rwol strateġiku tal-Bord ta' Tmexxija, li huwa l-Awtorità tal-Ħatra fit-tliet Aġenziji.

Għal din ir-raġuni, mingħajr ma nopponu l-ftehim, nesprimu d-dispjaċir kbir tagħna.
